ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 30/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 26/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT NRU. 28-29/2012

Sar il-qari tal-minuti tas-seduti b' nru. 28/2012 u 29/2012.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT NRU. 28-29/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Dwar il-*patching* tat-toroq, il-Kumitat qabel li jekk tar-Roads ma jibdewx sal-aħħar tal-ġimgħa, jordna lill-kuntrattur tal-Kunsill il-*patching* fi Triq il-Qbajjar, Triq ix-Xagħra u Triq Santa Marija.

## 4. KORRISPONDENZA

| Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali | Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv |
|---|---|
| Soċjeta' Filarmonika Leone<br>Għal programm mużikali mill-Banda Ċittadina Leone nhar l-24 ta' Lulju 2012 fil-Menqa (il-palk jintrama ġurnata qabel). | Approvata. |
| Ekxa Kiosk<br>Għal Country Nights<br>nhar it-30 ta' Ġunju, it-18 ta' Lulju, it-22 ta' Awwissu u d-9 u t-12 ta' Settembru 2012 f' Misraħ M' Anġ Refalo | Approvata. |
| Applikazzjonijiet għal meter tad-dawl temporanju ta' Meilaq għal *street hawker* fil-Bajja ta' Għar Qawqla – sajf '12. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Komunikat mibgħut minn TH ta' Tom's Tuck Inn dwar il-bejjiegħ tal-ikel (*street hawker*) li rama fi Triq il-Wied. Gie deċiż li tintbagħat *reminder* tal-ittra li kienet intbagħtet lill-Pulizija.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar ħlas ta' multa €412.94 fir-rigward tal-proġett Three Hills Garden. Ġie deċiż li ngħaddu din il-korrispondenza lill-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjonijiet ta' Paul Borg – *Cleaning Services* li kienu l-irħas għal:

- qtugħ u rimi ta' siġar wara l-gabbana fil-*promenade* tal-Qbajjar - €413.

- tneħħija u rimi tal-*playing equipment* kollu ta' ġol-*promenade* tal-Qbajjar - €190.

Iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra dwar laqgħa li hi flimkien mas-Sindku kellhom ma' uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex. Qalet li tkellmu dwar:

- il-parati tas-*slipway.*
- *slipway* Marsalforn (planki).
- il-moll ta' fejn Pierre's Restaurant.
- *boathouse* bla bieb il-ġewwa mill-Pierre's.
- *slipway* minn fejn ivara ta' Lbies.
- il-*promenade* tal-Qbajjar.
- il-wied tal-Qbajjar.

Dwar il-*promenade* tal-Qbajjar, il-Kumitat qabel li jinżebgħu l-bankijiet (bħal tal-*promenade* ta' Marsalforn) u r-*railings* ta' wara l-gabbana.

## 5. LAQGĦA MAL-MINISTRU GĦAL GĦAWDEX

Il-Kumitat qabel dwar l-aġenda għal laqgħa proposta mal-Ministru għal Għawdex.

Dawn huma l-*items* tal-aġenda:

- il-kisi ta' Triq Għar Qawqla.
- gandott għall-ilma tax-xita fi Triq ix-Xagħra.
- il-*breakwater*.
- *upgrade* tal-*front* ta' Marsalforn.
- il-*car park*.
- it-tindif tal-wied prinċipali.
- iż-żewġ *bridges* tal-wied.

Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

Iċ-Chairperson qalet tal-Agrikoltura kienu lesti biex għas-sajf iniżżlu qsari għal fuq il-*front* ta' Marsalforn. Qalet infurmata li l-Kumitat irid jieħu ħsieb it-tisqija tagħhom.

Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tiċċekkja kemm jistgħu jniżżlu qsari u kemm il-darba għandhom jissaqqew.

## 6. SISTEMA TA' *ONE WAY* FI TRIQ IL-QBAJJAR

Kien maqbul li:

- parti minn Triq il-Qbajjar minn k/m Triq il-Forn sa Triq Barda ssir *one way* l' isfel, fid-direzzjoni lejn ir-Rabat.
- parti minn Triq ir-Rabat quddiem Maria Ġiovanna Hostel issir *one way* l' isfel lejn il-port u Triq San Ġużepp *one way* il-fuq lejn Triq il-Munġbell.

## 7. ***SKIPS ON WHEELS***

Il-Kumitat qabel l-iskart domestiku mħallat jibda jinġabar kuljum (mit-Tnejn sas-Sibt) filgħaxija għall-ħabta tal-5p.m.

Il-Kumitat qabel li jneħħi l-i*skip on wheels* ta' Għar Qawqla.

## 8. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 16/2012 – Joe Zahra
Ġibed l-attenzjoni li l-pilastri tal-*belvedere* fi Triq Sta Marija fuq ir-riħ tal-Otters maqsumin. Ix-xogħol ta' tiswija se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

KAM 17/2012 – Joe Vella
Talab biex isiru *fixed barriers* quddiem Marsalforn Hotel fi Triq il-Munġbell. Talba approvata.

KAM 18/2012 – Ġużeppi Cassar
Ilmenta dwar l-istat ħażin tal-passaġġ ta' maġenb il-*parking area* tal-*promenade* tal-Qbajjar.

KAM 19/2012 – Carmel Xerri
Ilmenta dwar l-i*skip on wheels* ta' quddiem il-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kumitat iddeċieda li jneħħi dan l-i*skip*.

KAM 20/2012 – Frank Psaila
Talab biex titneħħa l-*bring-in site* li tpoġġiet fi Triq il-Forn.

KAM 21/2012 – Rosaline Bezzina
Isuġġeriet li tiddawwal ir-*roundabout* ta' Triq ir-Rabat (l-isfel mill-Crystal Palace). Il-Kumitat approva li jsiru erba' *barriers* tal-plastik bir-*reflectors*.

## 9. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva:

- x-xiri ta' żewġ tankijiet żebgħa għas-sinjali ta' mal-art.
- erba' *litter bins* żgħar għall-*belvedere* ta' Triq il-Wied.

## AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv ftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***